



Dokument ta' sessjoni

B9-0460/2023

8.11.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

“Għad-difiża tal-istat tad-dritt fi Spanja”

Jorge Buxadé, Mazaly Aguilar, Hermann Tertsch, Margarita de la Pisa

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew “Għad-difiża tal-istat tad-dritt fi Spanja”

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-artikoli dwar ir-rispett, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6, 7, 11 u 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura ta’ Spanja ddeċieda li l-proġett ta’ amnestija li qed jiġi nneozjat minn Pedro Sánchez biex iġib favorih lil dawk li ngħataw l-amnestija fi ħdan il-Parlament imur b’mod sfaċċat kontra l-kostituzzjoni u li kieku jtemm l-istat tad-dritt fi Spanja;
- B. billi l-Assoċjazzjoni Professjonali tal-Maġistratura fi Spanja esprimiet r-rifjut qawwi tagħha għal liġi futura dwar l-amnestija għall-politiċi parteċipanti fil-kolp ta’ stat, li għandha l-għan ċar li telimina l-ġudikatura u li kieku ġġib fi tmiemha d-demokrazija fi Spanja u teqred l-istat tad-dritt;
1. Jikkundanna l-fatt li l-aġent President Pedro Sánchez jista’ jaqbel li jimmina l-ordni kostituzzjonali u l-istat tad-dritt ta’ Spanja bl-għan uniku li jibqa’ fil-poter;
 2. Jikkundanna bil-qawwa l-intenzjoni ta’ Pedro Sánchez li jinħatar Prim Ministru ta’ Spanja billi jelimina l-istat tad-dritt;
 3. Jitlob li l-Kummissjoni tirreaġixxi għal dan u tikkundannah.